

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Novembru 2017 – TrekStor vs EUIPO – Beats Electronics (i.Beat jump)**(Kawża T-746/17)**

(2018/C 032/48)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż***Partijiet***Rikorrenti:* TrekStor Ltd (Hong Kong, iċ-Ċina) (rappreżentanti: O. Spieker, M. Alber, A. Schönfleisch, avukati)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Beats Electronics LLC (Culver City, California, l-Istati Uniti)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni "i.Beat jump" – Trade mark tal-Unjoni Nru 4 729 075*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Settembru 2017 fil-Każ R 2236/2016-4**Talbiet***Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:*

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn tilqa' l-applikazzjoni għal revoka mressqa mill-applikant għal kanċellazzjoni u tirrevoka d-drittijiet tal-applikant fir-rigward tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 4 729 075
- tiċħad l-applikazzjoni għal revoka mressqa mill-applikant għal kanċellazzjoni;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tal-proċeduri, inklużi l-ispejjeż neċessarji sostnuti mir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament Nru 2017/1001;
- Ksur tal-Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament Nru 2017/1001.

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Novembru 2017 – UPF vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-747/17)**

(2018/C 032/49)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti:* Union des Ports de France – UPF (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: C. Vannini u E. Moraitou, avukati)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Talbiet***Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:*

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;